**191. MOZZJONI GĦAT-TWAQQIF TA' KUMITAT PERMANENTI GĦALL-ĠUSTIZZJA**

**L-Onor. Karol Aquilina u l-Onor. Robert Cutajar jipproponu illi:**

L-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati jiġu emendati kif ġej:

(a) Fl-Ordni Permanenti 120A il-kliem:

"(x) Il-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex"

għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem:

"(x) Il-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex; u".

(b) Fl-Ordni Permanenti 120A minnufih wara l-paragrafu (x) tiegħu għandu jiġi introdott dan il-paragrafu ġdid:

"(xi) Il-Kumitat Permanenti għall-Ġustizzja."

(ċ) Minnufih wara l-Ordni Permanenti 120L, għandu jidħol l-Ordni Permanenti ġdid li ġej:

"Il-Kumitat Permanenti għall-Ġustizzja

**120M.** (1) Il-Kumitat Permanenti għall-Ġustizzja għandu jittratta kull kwistjoni li jkollha x'taqsam mal-ġustizzja, inklużi iżda mhux biss, l-affarijiet kostituzzjonali, is-saltna tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fondamentali u kull materja oħra li tiġi riferita lilu mill-Kamra jew minn xi Kumitat ieħor tal-Kamra.

(2) Il-Kumitat Permanenti għall-Ġustizzja għandu jkollu s-setgħa li:

(a) fuq inizjattiva tiegħu stess, jikkonsidra kull deċiżjoni, rakkomandazzjoni jew rapport ippubblikat lokalment, mill-istituzzjonijiet Ewropej jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali, li jista' jkollhom impatt fuq il-ġustizzja f'Malta;

(b) jikkonsidra kull materja, rapport, deċiżjoni jew rakkomandazzjoni li jista' jiġi riferut lilu mill-Kamra jew minn xi Kumitat ieħor tal-Kamra;

(ċ) jitlob persuni sabiex jidhru quddiem l-istess Kumitat sabiex jagħmlu espożizzjoni jew jagħtu rendikont tal-ħidma u tar-responsabbiltajiet tagħhom fl-oqsma li jaqgħu taħt dan l-istess Kumitat:

Iżda l-Prim Imħallef, l-Imħallfin, il-Maġistrati u kwalunkwe persuna li tippresjedi jew hija membru ta' Bord jew Tribunal imwaqqaf b'liġi ma jistgħux jintalbu jidhru quddiem l-istess Kumitat;

(d) jiddiskuti u janalizza l-impatt tad-deċiżjonijiet tal-gvern u tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-ġustizzja;

(e) jeżamina, jiddiskuti u jirrapporta lill-Kamra dwar kull rapport, pjan strateġiku, pjan ta' ħidma, policy, dokument u rakkomandazzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-oqsma li jaqgħu taħt dan l-istess Kumitat u li jsiru minn kwalunkwe uffiċjal, kummissarju, kummissjoni, bord, entità, awtorità, aġenzija, kumitat jew organu mwaqqaf b'liġi jew minn kwalunkwe persuna, soċjetà jew assoċjazzjoni ta' persuni jew entità legali; u

(f) jeżamina, jiddiskuti u jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar is-sentenzi li jkunu tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra skont l-artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew skont xi dispożizzjoni oħra ta' xi liġi li tkun fis-seħħ f'Malta.

(3) Il-Kumitat Permanenti għall-Ġustizzja għandu jkun magħmul minn mhux iktar minn seba' membri li minnhom erbgħa jikkostitwixxu *quorum*. Il-membri għandhom jintgħażlu b'dak il-mod li jkunu ġustament jirrappreżentaw lill-Kamra b'mod ġenerali, u proporzjonali skont l-għadd ta' membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni, b'mod partikolari.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (3) u (4) tal-Ordni Permamenti 120B japplikaw *mutatis mutandis* għall-Kumitat Permanenti għall-Ġustizzja.

(5) Wieħed minn dawk il-membri tal-Oppożizzjoni magħżul mill-Kap tal-Oppożizzjoni għandu jinħatar bħala President tal-Kumitat Permanenti għall-Ġustizzja. Il-President ikollu vot oriġinali iżda ma jkollux vot deċiżiv."

09.11.2023